# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 26 ta' Frar 2001

Citazzjoni numru 1766/98 AJM

Kawza numru

Robert Camilleri

Vs

Malta Shipbuilding Com-pany Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-2 ta' Settembru 1987 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li fl-20 ta' Lulju 1995 waqt li huwa kien qed jahdem bhala "blaster" bil-lejl, b'inkarigu tas-socjeta' konvenuta, sofra korriment f'irkubbtejh ta' siequ l-leminja waqt li kien ghaddej minn fuq skala minduda tal-hadid li kienet qed tistrieh fuq barkun u sofra danni kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi dan l-incident gara minhabba tort u jew negligenza u jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega da parti tal-konvenuti nomine, kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-konvenut nomine gew

interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur izda baqghu inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara illi l-konvenuti nomine huma responsabbli ghall-korriment li sofra l-attur u ghad-danni konsegwenzjali;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta'periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Mejju 1997 u tal-21 ta' Lulju 1998 kontra l-konvenuti nomine li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta presentata fis-26 ta' Frar 1999 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi c-citazzjoni kif formulata mhiex espressa fit-termini mahsuba fl-Artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12, Konsegwentement ic-citazzjoni kif imposta ma tregix u ghandha tigi dikjarata irrita u nulla.
2. Fil-meritu t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' eccipjenti ma kienetx responsabbli la ghall-allegat incident u lanqas ghall-infortunju. Inoltre lanqas ma jidher li l-attur illum ghad ghandu debilita' permanenti.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta' konvenuta.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-20 ta' April 1999 meta s-socjeta' konvenuta rrinunzjat ghall-ewwel eccezzjoni minnha sollevata u meta dak inhar il-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-18 ta' Ottubru 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat ir-rapport mediku ta' Mr. Charles Grixti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fl-1995 l-attur kien impjegat, kif fil-fatt ghadu sal-lum, bhala blaster mal-Malta Shipbuilding Company Limited. Fil-lejl tal-20 ta' Lulju 1995 l-attur kien qed jahdem night shift, flimkien ma zewgt impjegati ohra shabu, fuq bastiment li kien jinsab gewwa bacir. Il-bacir kien mimli ilma ghalhekk biex il-haddiema jkunu jistghu jaqsmu minghajr ma jaghmlu tragit twil hafna impjegati ohra tas-socjeta' konvenuta kienu ppreparaw speci ta'pont li jwassal mill-bastiment ghal fuq il-moll tal-bacir. Dan il-pont kien furmat bi skaluni mqeghdha mindudin b'xi tavli tal-injam fuqhom u f'nofs id-distanza bejn il-bastiment u l-moll kien hemm barkun li kien qed iservi biex jistrihu l-estremitajiet tal-iskaluni.

L-attur, flimkien ma shabu, bdew mixjin fuq dan il-pont izda f'hin minnhom l-attur sab li wahda mill-injam li kien hemm fuq l-iskalun tghawget u siqu baqghet diehla fl-ispazju ta' bejn targa u ohra tal-iskalun. Bhala rizultat l-attur korra serjament, ittiehed l-isptar, gie operat darbtejn fl-irkoppa u baqa' ilbghod mix-xoghol ghal madwar sena. Skond rapport, ex parte, presentat mill-attur dan l-incident ikkawzalu dizabilita' permanenti fi gra ta' hmistax fil-mija (15%). L-attur ghlahekk qed jitlob li

jigu likwidati d-danni dovuti lilu wara li s-socjeta' konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghall-akkadut.

Is-socjeta' konvenuta qedha tikkontesta l-pretensjonijiet attrici billi fl-ewwel lok qed jinghad li ma hemmx responsabbilita' ghall-akkadut u fi kwalunkwe kaz ma hemmx lok ghall-likwidazzjoni ta' danni billi l-attur ma sofra ebda dizabilita' permanenti.

Illi ghat-tieni sottomissjoni tas-socjeta' konvenuta ghandu mil-ewwel jigi rilevat li d-danni tal-attur ma jikkonsistux biss f'*lucrum cessans* izda jirrizulta li kien hemm telf effettiv ta' *allowances u overtime* ghas-sena li l-attur naqas li jattendi x-xoghol. Inoltre ghal dik li hija dizbilita' permanenti jidher minn rapport ta' espert mahtur minn din il-Qorti, li effettivament, kuntrarjament ghal dak li qed jinghad mis-socjeta' konvenuta, l-attur ghadu u ser jibqa' jsofri bhala konsegwenza ta' dan l-incident.

Ikkunsidrat:-

Dwar ic-cirkostanzi tal-incident l-attur, korroborat mix-xhieda prodotti minnu Grezzju Attard u Angelo Carabott, spjega li l-pont li kellhom jaqsmu kien intrinsikament perikoluz u dana billi l-impjegati kellhom jimxu fuq il-'kument' tat-tarag tal-iskalun stante li l-ftit injam li kien hemm ma kienux bizzejjed biex jghatti l-vojt bejn targa u ohra. Inoltre l-perikolu kien aktar serju inkwantu fl-inhawi fejn l-attur ried jaqsam kien hemm "dlam cappa". Din ix-xhieda tinsab ukoll korropborata mix-xhud Joseph Sehchell, *foreman* inkarigat mill-grupp ta' haddiema li l-attur kien jifforma parti minnu, li mhux biss ikkonferma li dawl mal-iskaluni ma kienx hemm, izda ukoll, fuq mistoqsija tal-Qorti dwar kif dan il-passagg

(aktar ‘l fuq imsejjah pont) kien jidher,  stqarr bla tlaqliq, li “kienet danger”.

Il-perikolu jidher li gie rikonoxxut mis-socjeta’ konvenuta billi l-ghada tal-incident ittiehdu passi rimedjali konsistenti fit-tqeghid ta’ tavluni kbar marbutin fuq l-iskaluni u gie provdut dawl adegwat.

Is-socjeta’ konvenuta donna qed tallega li kien hemm dawl sufficjenti biex ma jigrux incident – haga li ma tirrizulta bl-ebda mod mix-xhieda prodotti mill-istess socjeta’. Anzi x-xhud Seychell mressaq mill-konvenut afferma kategorikament li dawl ma kienx hemm. L-istess socjeta’ qedha ukoll tressaq l-ipotezi li l-attur kien konxju tal-perikolu billi diga kien qasam mill-istess post f’okkazzjonijiet ohra. Issa apparti l-fatt li konoxxena ta’ l-ezistenza ta’ perikolu ma jxejjinx l-obbligu tal-“employer” li jipprovdi “a safe place of work” ghall-impjegati tieghu, mill-provi prodotti jirrizulta l-kuntrarju. Infatti rizzulta li dan il-pont kien tqieghed dak inhar stess billi l-bacir kien intela bl-ilma.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta’ konvenuta hija responsabbli ghall-incident tal-20 ta’ Lulju 1995 meta korra l-attur billi ma haditx hsieb li tipprovdi ambjent li jassikura s-sahha tal-haddiema.

Ikkunsidrat:-

Ghal dawk li huma danni jidher li l-attur sofra kemm danni ta’ natura reali kif ukoll danni futuri rizultanti mid-dizabilita’ permanenti sofferta bhala konsegwenza tal-griehi tieghu.

Ghal dawk li huma “damnum emergens” l-attur xhed li huwa baqa nieqes mix-xoghol ghal sena shiha. Matul dan il-perjodu, l-attur jghid, huwa irceva il-paga kollha mill-employer billi ukoll kull ammont li kien jircevi mid-dipartiment tas-servizzi socjali kien jigi rimbursat lis-socjeta’ konvenuta. Izda matul dan il-perjodu l-attur ma irceviex la l-allowances u lanqas overtime pay, billi dawn naturalment huma marbuta ma’ servizz li wiehed jaghti – haga li l-attur naqas li jrendi minhabba l-griehi tieghu.

L-attur kien jahdem ma guy ta’ blasters u ghalhekk wiehed ghandu jassumi li kull persuna f’dak il-grupp kien ser jippercepixxi f’sena partikolari, daqs kemm qalghu shabu ta’ l-istess grupp. L-incident in kwistjoni sehh f’Lulju 1995 u ghalhekk sa sena wara l-attur certament ma irceva ebda allowances jew hlas ghall-overtime.

Biex wiehed jasal ghall-ammont ta’ overtime u allowances li l-attur tilef fil-perjodu meta ma dahalx ghax-xoghol, trid tittiehed bhala bazi l-P3 form ghas-sena 1996 u cioe dik is-sena meta l-attur irceva biss l-paga basika. Dan sew ghax kien nieqes mix-xoghol sew ghax ma ghamilx aktar overtime wara li dahal. Minn din l-formula rilaxxa mis-socjeta’ konvenuta u ezebita mill-attur (fol 53) jidher li l-paga normali ta’ sena hija cirka LM4167. Fl-1995, cioe is-sena tal-incident meta l-attur hadem sal-20 ta’ Lulju, Grezzju Attard, blaster bhal l-attur u jahdem fl-istess gang, irceva bejn salarju, overtime u allowances is-somma ta’ tmien telef tmien mija u disa’ u sebghajn lira (LM8879.00). Jsegwi li f’sena partikolari l-‘blasters’ jircevu medja ta’ LM4,700 bhala overtime u allowances. Din is-somma trid ghalhekk tigi akkordata lill-attur bhala kumpens ghall-telf effettiv ghas-sena li huwa assenta ruhhu minn fuq ix-xoghol.

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li huwa telf futur ghandu jigi osservat mill-ewwel li fid-data tal-incident l-attur kien ghad kellu sebgha u ghoxrin sena. Dan jfisser li jkun intitolat li l-kumpens tieghu ghat-telf futur jinhadem fuq firxa ta' ghoxrin sena.

L-esperti medici involuti, sew dak ex parte Dr. Basmadjian, kif ukoll dak imqabbad mill-Qorti, Mr. Charles Grixti, kienu konkordi li l-attur qed jbati minn dizabilita' permanenti fi grad ta' hmistax fil-mija (15%). Id-difensur tas-socjeta' konvenuta ghamel l-animu tieghu kollu biex jwarrab l-konkluzzjonijiet tal-espert mqabbad mill-Qorti billi allega li kien hemm diskrepanzi bejn dak li ikkonstat l-espert ex parte u dak li sab Mr. Grixti u ghalhekk, argumenta d-difensur tal-konvenut, l-espert tal-qorti kellu jsib miljoramenti fil-kondizzjoni ta' l-attur u jakkordalu dizabilita' fi grad anqas. L-espert izda zamm ferm mal-fehma tieghu u dana wara li spjega d-diskrepanzi bejn dak li sab hu u dak li qal Dr. Basmadjian. Din il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li l-opinjoni espressa mill-espert inkarigat mill-Qorti ghandha tigi adottata u dana partikolarment meta din tirrifletti, f'dak li hija dizabilita' "*permanenti*" l-fehma ta' l-espert ex parte.

Dwar it-talba tal-konvenut ghall-isfilz tar-rapport tal-espert mediku billi dan naqas li jinforma lill-konvenut meta l-attur kien ser jigi ezaminat din il-Qorti thoss li din it-talba mhux gustifikata nkwantu fl-ewwel lok ma giex indikat xi nuqqas da parti tal-espert f'dik li hija ezekuzzjoni tal-inkarigu tieghu. Fit-tieni lok din il-Qorti hija tal-fehma li ezami mediku ma ghandux jkun maghmul fl-apert billi l-etika tal-professjoni medika tirrikjedi li jkun hemm certa intimita bejn il-pazjent u t-tabib biex

dan ta’ l-ahhar jkun jista’ jivvaluta ahjar l-kaz li jkun quddiemu. Din it-talba ghalhekk qed tigi michuda.

Mill-provi prodotti jidher li l-attur kellu potenzjal ta’ introitu ta’ cirka tmien telef u disa mitt lira (LM8,900) kif jidher mil-P3 ta’ Grezzju Attard. Id-danni ghad-dizabilita’ permanenti tenut kont tal-eta’ ta’ l-attur, tad-dizabilita’ stabbilita, u wara li titnaqqas somma minhabba l-fatt li d-danni ser jithallsu immedjatament, jammontaw ghas-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf tlett mija u sittin lira maltin (LM21,360.00) (8,900 x 20 x .15 x .80).

Id-danni totali dovuti lill-attur jammontaw u jigu arrotondati ghas-somma komplessiva ta’ sitta u ghoxrin elf lira maltin (L26,000).

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta billi din giet irtirata, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut, u filwaqt li tilqa’ t-talbiet attrici tiddikjara li l-incident tal-20 ta’ Lulju 1995 meta korra l-attur gara unikament tort u htija tas-socjeta’ konvenuta, tillikwida d-danni attrici fl-ammont ta’ sitta u ghoxrin elf lira maltin (LM26,000) u tikkundanna lill-istess socjeta’ attrici thallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta’ konvenuta.